

32001R2382

7.12.2001

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 323/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 2382/2001**ta' l-4 ta' Diċembru 2001****li jemenda ir-Regolament (KE) No 1267/1999 jistabbilixxi strument għall-Politikà Strutturali għall qabel l-adeżjoni**

IL-KUNSILL TA L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 308 tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽³⁾,

Wara konsultazzjoni ta' l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni

Billi:

- (1) L-ewwel miżuri li għandhom jibbenefikaw mill-assistenza mill-Komunità taħt l-istrument għal Politikà Strutturali ta' qabel l-aċċessjoni (ISPA) stabbilita bir-Regolament (KE) No 1267/1999 ⁽⁴⁾ kienu stmati u approvati mill-Kummissjoni matul l-2000.
- (2) Ċertu disposizzjonijiet tar-Regolament (KE) No 1267/1999 għandhom ikunu emendati fid-dawl ta' l-esperjenza miġ- juba f'dak iż-żmien fi stimi u approvazzjoni ta' miżuri li jridu jkunu finanzjati taħt l-ISPA.
- (3) Ko-finanzjament ta' miżuri flimkien ma istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali b'mod partikolari u l-użu ta' finanzjament privat huma elementi importanti tal-funzjoni tal-ISPA. F'ċeru każi, dħul għal sorsi ta' finanza minbarra assistenza tal-Komunità huwa essenżjali biex jitħallew l-pajjiżi benefiċjarji biex jikkofinanzjaw miżuri li jaderixxu totalment mal-kondizzjonijiet ta' l-eliġibilità u l-għanijiet ta' l-ISPA.
- (4) Biex titħalla jew tiffaċilità ko-finanzjament flimkien ma' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u/jew sorsi privati, disposizzjonijiet għandhom jkunu provduti għall-possibiltà għall deroga, wara eżaminazzjoni fuq bażi każ b'każ, mir-regoli ġenerali fuq parteċipazzjoni ħruġ ta' offeriti u kuntratti kofinanzjati taħt l-ISPA.
- (5) L-Artikolu 114(2) tar-Regolament Finanzjarju tal-21 ta' Diċembru 1977 applikabbli għal-buġit ġenerali

tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁵⁾ jistipulaw li f'każijiet eċċezjonali u b'ġustifikazzjoni kif suppost, jista jkun deċiż, fuq bażi ta' kondizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fl-istrumenti baġiċi li jigvernaw il-kooperazzjoni u bi ftehim tal-awtorizzazzjoni xierqa tal-proċeduri, biex jitħallew nies b'nazzjonalità ta' pajjiżi terzi jgħamlu l-offerti għall-kuntratti. Regolament (KE) No 1267/1999 huwa strument bażiku.

- (6) F'din il-konnessjoni, l-ispirazzjoni tista tinġieb min ċertu disposizzjonijiet applikabbli taħt il-programm Phare stabbilit bir-Regolament (KEE) 3906/89 ⁽⁶⁾ fuq għajnuna ekonomika għal-ċertu pajjiżi ta' l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant.
- (7) Definizzjoni iktar preċiża tal-kunċett ta' spiża eliġibbli huwa neċessarju sabiex jitħalla l-ko-finanzjament ta' miżuri ISPA min sorsi oħra ta' għajnuna esterna.
- (8) Id- disposizzjonijiet tar-Regolament (KE) No 1267/1999 għandha iktar min hekk tkun addottata biex tieħu konsiderazzjoni tad-deċisjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li jniżżel proċeduri għall-eżerċizzju ta' implimentazzjoni ta' poteri konferita fuq il-Kummissjoni ⁽⁷⁾.
- (9) It-Trattat ma jipprovdi, għall-addozzjoni ta'dan ir-Regolament, poteri oħra minbarra dawk fl-Artikolu 308,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1267/1999 huwa permezz tal-preżenti emendat kif ġej:

1. Għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

*"Artikolu 6a***Għotja ta' kuntratti**

1. F'każ ta' miżuri għal liema l-Komunità hija l-uniku sors ta' għajnuna esterna, parteċipazzjoni għall-inviti għal offeriti u kuntratti għandhom jifih fuq l-istess termini għal kull persuna legali u naturali ta' l-Istati membri u tal-pajjiżi li hemm referenza għalihom fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 1(1).

⁽¹⁾ ĠU C 180 E, 26.06.01, p. 197.

⁽²⁾ Opinjoni mogħtija fl-20 ta' Settembru 2001 (għadu mhux ippublikat fil-Ġurnal Uffiċjal).

⁽³⁾ ĠU C 221, 07.08.01, p. 166.

⁽⁴⁾ ĠU L 161, 26.06.99, p. 73.

⁽⁵⁾ ĠU L 356, 31.12.1977, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE, ECSC, Euratom) No 2673/1999 (ĠU L 326, 18.12.1999, p. 1).

⁽⁶⁾ ĠU L 375, 23.12.89, p. 11. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 2666/2000 (ĠU L 306, 07.12.00, p. 1).

⁽⁷⁾ ĠU L 184, 17.07.99, p. 23.

2. Paragrafu 1 għandu wkoll japplika għall-ko-finanzjament.

Madankollu, fil-każ ta' kofianzjament, il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terz għall-offerti u kuntratti jistgħu jkunu awtorizzati mill-Kummissjoni, wara eżaminazzjoni fuq bażi ta' każ b'każ."

2. Il-paragrafu li ġej għandu jkun miżjud ma l-Artikolu 7 li:

"8. Meta miżura tkun kofinanzjata flimkien mal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, spiża li tilħaq ir-regoli tal-eliġibilità li hemm referenza għaliha fil-paragrafu 7 imma ikkunsidrat bi ftehim mal-proċeduri xierqa għal sorsi esterni ta' finanzjament barra mill-assistenza tal-Komunità u merfugħa min dawk l-istituzzjonijiet finanzjarji li jista jkunu użati fil-kalkulazzjoni ta' l-ispiża totali eliġibbli għal dik il-miżura."

3. Paragrafu 1, 2 u 3 ta' l-Artikolu 14 għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

"1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita min kumitat, kompost min rappreżentanti ta' Stati Membri u ppresedut min rappreżentant tal-Kummissjoni (min hawn il-quddiem riferut bħala "l-Kumitat"). Il-Bank Ewropew ta' l-Investment għandu jaħtar rappreżentant li ma jivvutax.

2. Fejn ssir riferenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

3. Il-perjodu provdut fl-Artikolu 4(3) tad- Deċiżjoni Nru 1999/468/KE għandu jkun stabbilit għal xahar."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-publikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 4 Diċembru 2001.

Fisem il-Kunsill

Il-President

D. REYNERS
